# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 24**

**Rikors numru 641/21/1 NC**

**MGA Trading Limited (C-81616)**

**v.**

**Dr. Richard Galea Debono bħala kontrollur ta' Satabank p.l.c. nominat mill-Awtorità Maltija tas-Servizzi Finanzjarji *ai termini* tal-Artikolu 29(1)(h) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Satabank p.l.c. (C-66993)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà rikorrenti kontra sentenza ta' nhar l-10 ta' Jannar 2023, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u permezz ta' liema ddeċidiet li bħala Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hi m'għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża, u b'hekk ħelset lill-

konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Daħla**

2. Is-soċjetà rikorrenti, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fl-1 ta' Lulju 2021, talbet lill-Ewwel Qorti:

> *"i. Tordna lill-Bank Intimat sabiex jirrilaxxa u jħallas lis-Soċjeta' Esponenti l-Bilanċ, u ċioe', is-somma ta' mija tmienja u għoxrin elf, sitt mija wieħed u sittin Ewro (€128,661.00), bl-imgħax legali mid-data tal-iffriżar tal-kont bankarju relevanti sad-data tal-pagament effettiv – u dan mingħajr il-ħtieġa ta' direttivi maħruġa mill-Kontrollur tal-Bank Intimat u/jew mill-Fond għall-Bilanċi Residwi u/jew minn kwalunkwe awtorita' regolatorja oħra fosthom (iżda mhux limitatament) l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA);*
>
> *ii. Tiddikjara illi l-Bank Intimat (u ċioe', Satabank P.L.C) huwa responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni sofferti u li għadhom qed jiġu sofferti mis-Soċjeta' Esponenti, inkluż telf ta' qliegħ u danni oħra;*
>
> *iii. Tillikwida l-kumpens u d-danni kkaġunati mill-Bank Intimat, jekk meħtieġ bl-involviment ta' periti u esperti tekniċi nomnandi;*
>
> *iv. Tikkundanna u tordna lill-Bank Intimat sabiex iħallas lis- Soċjeta' Esponenti dawk id-danni u l-kumpens hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-Bank Intimat, li minn issa qiegħed jiġi nġunt għas-subizzjoni".*

3. Illi s-soċjetà rikorrenti ressqet it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *"1. ILLI MGA Trading Limited ("Is-Soċjeta' Esponenti") kienet ġiet inkorporata fis-sena elfejn u sbatax (2017) biex toffri servizzi ta' importazzjoni u esportazzjoni fil-materjali primi bħal ħadid u njam.*
>
> *2. ILLI s-Soċjeta' Esponenti għandha kont ma' Satabank P.L.C ("Il-Bank Intimat") bin-numru 1043065771 ("Il-Kont").*

*3. ILLI permezz ta' avviż pubbliku datata 20 ta' Ottubru 2018, il-Bank Intimat ġie ordnat mill-Awtorita' Maltija tas-Servizzi Finanzjarji (l-"MFSA") sabiex taċċerta illi ma jsir l-ebda depożitu fil-kontijiet tad-depożitanti mal-Bank Intimat u sabiex ma jsir ebda ġbid jew trasferiment ta' flus minn kwalunkwe kont miżmum mal-Bank Intimat. Illi barra minn hekk, l-MFSA appuntat lid-ditta Ernst & Young bħala persuna kompetenti ("Persuna Kompetenti") sabiex tassumi kontroll tal-assi u l-operat kollu tal-Bank Intimat ai termini tal-Artikolu 29(1)(ċ) u 29(1)(d) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Ara kopja tal-avviż pubbliku hawn annessa u mmarkata "Dok A".*

*4. ILLI permezz ta' avviż pubbliku ieħor datat 24 ta' Ottubru 2018, l-MFSA ħabbret illi kienet ser tistitwixxi proċess kontrollat ta' rilaxxat ta' fondi miżmuma mid-depożitanti tal- Bank Intimat, fosthom is-Soċjeta' Esponenti. Ara kopja tal-avviż pubbliku hawn annessa u mmarkata "Dok B". Illi sussegwentament, f'avviż pubbliku ieħor datat 6 ta' Diċembru 2018, l-MFSA ħabbret illi depożitanti kummerċjali (bħal ma hija s-Soċjeta' Esponenti) kienu ser jiġu kkuntattjati bl-iskop li lfondi jiġu rilaxxati skont il-miżuri addottati. Ara kopja tal-avviż pubbliku hawn annessa u mmarkata "Dok Ċ".*

*5. ILLI permezz ta' avviż pubbliku sussegwenti datat 1 ta' Lulju 2020, l-MFSA ħabbret li kienet qed tirtira l-liċenzja tal-Bank Intimat b'effett mit-30 ta' Ġunju 2020 u li l-proċess kontrollat ta' rilaxx ta' fondi depożitati mħabbar iktar kmieni kien qed jiġi mwaqqaf u li l-Persuna Kompetenti (u ċioe', d-ditta Ernst & Young) kien ser ikompli jipproċessa biss dawk il-files meqjusa kompluti sat-30 ta' Ġunju 2020. Ara kopja tal-avviż pubbliku hawn annessa u mmarkata "Dok D".*

*6. ILLI permezz ta' avviż għall-istampa datat 2 ta' Novembru 2020, l-MFSA ħabbret illi kienet qed tappunta lill-intimat Dr Richard Galea Debono bħala Kontrollur tal-Bank Intimat ai termini tal-Artikolu 29(1)(h) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju ("Il-Kontrollur Intimat") minflok id-ditta Ernst & Young sabiex jjassumi kontroll tal-Bank Intimat sabiex fost oħrajn jippresjedi l-proċess ta' likwidazzjoni u stralċ tal-Bank Intimat ai termini tal-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) (Kap.383 tal-Liġijiet ta' Malta). Ara kopja tal-avviż għall-istampa hawn annessa u mmarkata "Dok E".*

*7. ILLI fil-mument meta ġie ppubblikat l-avviż pubbliku tal-20 ta' Ottubru 2018 (DOK A), is-Soċjeta' Esponenti kellha bilanċ ta' mija tmienja u għoxrin elf, sitt mija wieħed u sittin Ewro (€128,661.00) (il-"Bilanċ"), liema bilanċ – b'konsegwenza taddirettivi maħruġa mill-MFSA – ma baqax iktar disponibbli għas-Soċjeta' Esponenti. ILLI l-Bilanċ għadu sal-lum mhux disponibbli u b'hekk, is-Soċjeta' Esponenti ilha iktar minn tnejn u tletin (32) xahar deprivita mill-pussess u t-tgawdija leġittimu ta' ħwejjiġha, u ċioe', tal-Bilanċ.*

*8. ILLI mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-pussess u tat-tgawdija leġittima ta' ħwejjiġha mingħajr ħtieġa ta' formalitajiet inutli,*

*sproporzjonati u bla neċessita', in linea mal-istruzzjonijiet tal-Bank Intimat, is-Soċjeta' Esponenti issottomiet id-dokumenti kollha mitluba mill-Bank Intimat – u ċioe', Payment Instruction Form u Account Closure Form. Illi minkejja diversi attentati sabiex il-kompletezza tad-dokumenti relevanti tinġieb għall-attenzjoni tal-Bank Intimat u l-Kontrollur Intimat – fosthom permezz ta' korrispondenza elettronika (hawn annessa u mmarkata DOK F), ittra reġistrata (hawn annessa u mmarkata DOK Ġ) u ittra ġudizzjarja bin-numru ta' referenza 1081/2021– l-intimati msemmija baqgħu indampjenti għar-rigward tarrilaxxi tal-Bilanċ konċernat.*

*9. ILLI kif sejjer jiġi ppruvat fil-kawża, il-Bilanċ kien u għadu essenzjali għall-operat tas-Soċjeta' Esponenti u d-deprivazzjoni ta' ħwejjiġha – mingħajr ġustifikazzjoni jew raġuni valida u proporzjonali mal-għanijiet tal-miżuri u d-direttivi regolatorji relevanti – ikkawżaw danni għas-Soċjeta' Esponenti konsistenti mhux biss fil-mera deprivazzjoni tal-Bilanċ, iżda wkoll danni għall-operat kummerċjali tagħha.*

*10. ILLI barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għal kull obbligu ieħor illi l-liġi tpoġġi fuq il-Bank Intimat għall-ħarsien tal-Bilanċ, il-Bank Intimat, meta aċċetta li jżomm id-depositi tas-Soċjeta' Esponenti, assuma numru ta' obligazzjonijiet li ma tillimitax biss għas-sempliċi obbligi li jirriżultaw minn relazzjoni bejn debitur u kreditur, imma l-Bank Intimat huma soġġetti wkoll, mingħajr preġudizzju għall-preċedenti, għall-provveddimenti rigward l-obbligazzjonijiet fiduċjarji ai termini tal-Artikolu 1124A et seq tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan billi kull min huwa fiduċjarju huwa obbligat illi jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjeta' miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament hija intitolata għaliha – u ċioe', is-Soċjeta' Esponenti. Illi f'kwalunkwe każ, irrispettivament min-natura tar-relazzjoni legali bejn is-Soċjeta' Esponenti u l-Bank Intimat, hemm obbligu legali illi l-Bank Intimat, bħala istituzzjoni ta' kreditu, jottempra mal-istruzzjonijiet validi tal-klijenti tiegħu, inkluża s-Soċjeta' Esponenti – xi ħaġa li l-Bank Intimat baqa' ma għamilx.*

*11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Bank Intimat baqa' inadempjenti meta naqas milli jottempra ruħu mal-ordni ta' pagament illi saret mis-Soċjeta' Esponenti sabiex il-Bilanċ jiġi trasferit lill-kont ta' pagament kif indikat fil-Payment Instruction Form f'Dok Ġ. Illi f'dan ir-rigward għandu jingħad illi l-kont tas-Soċjeta' Esponenti mal-Bank Intimat jikkostitwixxi "kont ta' pagament" (payment account) ai termini tad-Direttiva (EU) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is- Servizzi ta' Pagament fis-Suq Intern ("id-Direttiva") kif trasposta fil-qafas regolatorju Malti, u ċioe' "kont miżmum f'isem utent ta' servizz ta' pagament wieħed jew aktar u li jintuża għall-eżekuzzjoni ta' transazzjoni ta' pagament". Illi firrelazzjoni tagħha mal-Bank Intimat, is-Soċjeta' Esponenti hija "utent ta' servizzi ta' pagament" ("payment service user") filwaqt li l-Bank Intimat huwa "fornitur ta' servizzi ta' pagament" ("payment service provider"). Illi ai termini tal- Artikolu 83 tad-Direttiva, il-Bank Intimat kellu jassigura li wara l-mument tar-*

*riċevuta tal-ordni ta' pagament, l-ammont ta' pagament jiġi kkreditat fil-kont tal-fornitur ta' servizzi ta' pagament tal-kont benefiċċjarju fi żmien ta' mhux iktar ta' jumejn mill-ordni ta' pagament. Illi sal-lum, il-Bank Intimat għadu inadempjenti f'dan ir-rigward u għaldaqstant, il-Bank Intimat huwa responsabbli mhux biss sabiex iqiegħed lura l-Bilanċ fil-kontroll u l-pussess tal-Bilanċ, iżda barra minn hekk huwa wkoll responsabbli għall-ħlas ta' kumpens finanzjarju ai termini tal-Artikolu 91 tad-Direttiva kif traspost fil-liġijiet Maltin.*

*12. ILLI ma teżisti l-ebda raġuni skont il-liġi għaliex is-Soċjeta' Esponenti m'għandux ikollha aċċess sħiħ u liberu għall-Bilanċ. Is-Soċjeta' Esponenti dejjem aġixxiet b'mod korrett tul irrelazzjoni kollha mal-Bank Intimat mingħajr ksur ta' ebda liġi kriminali dwar ħasil ta' flus jew xort'oħra u għaldaqstant ma teżisti ebda raġuni valida li tista' twassal sabiex il-Bilanċ ikunu soġġetti għal miżuri ta' ffriżar illi effettivament iċaħħdu lis- Soċjeta' Esponenti mid-dritt għall-aċċess liberu, l-pussess u ttgawdija tal-Bilanċ.*

*13. ILLI l-aġir tal-Bank Intimat, huwa irregolari u inaċċettabbli u s-Soċjeta' Esponenti qegħda ssofri preġudizzju serju fl-operat tagħha. M'hemm ebda raġuni skont il-liġi għaliex is-Soċjeta' Esponenti għandha tbati l-konsegwenzi hi għan-nuqqasijiet tal- Bank Intimat (huma x'inhuma) illi rriżultaw f'direttivi, miżuri u proċeduri fil-konfront tal-Bank Intimat. Dan sabiex b'konsegwenza tan-negliġenza u/jew tmexxija ħażina fl-operat tal-Bank Intimat, is-Soċjeta' Esponenti qed issofri telf ta' qliegħ u danni oħra – u dan mingħajr m'għandha ebda tort.*

*14. ILLI kull attentat mis-Soċjeta' Esponenti sabiex tikseb lura l-Bilanċ irriżulta fin-negattiv.*

*15. ILLI s-Soċjeta' Esponenti u r-rappreżentant tas-Soċjeta' Esponenti fuq dan l-att jafu bil-fatti hawn fuq miġjuba personalment".*

4. Illi l-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"Eċċezzjonijiet Preliminari*

*1. Illi preliminarjament, din il-Qorti mhix kompetenti tisma' din il-vertenza, hekk skond id-dispost tal-Artikolu 13 tal-Att dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) Kap. 383 tal- Liġijiet ta' Malta –*

> *"13. Kull kawża u pretensjoni li jinsabu pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u li jkunu kawżi u pretensjonijiet kontra l-Kontrullur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inħareġ ordni għal stralċ bis-saħħa ta'dan l-Att, għandhom jiġu trasferiti lill-Bord tal-Appelli u għandhom jitkomplew jinstemgħu u jiġu deċiżi minn dak il-Bord:*

> *Iżda ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Att ma għandha tnaqqas mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Appell li tkompli tisma' kull każ li jinsab pendenti quddiemha:*
>
> *Iżda wkoll il-Kontrullur ikollu s-setgħa li jirreferi kull ħaġa għall-arbitraġġ b'dawk il-patti u kundizzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa, u kull ħaġa hekk riferita, kif ukoll ħaġa riferita għall-arbitraġġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandha tinstama' u tiġi deċiża minn u skont it-termini ta' referenza biex isir arbitraġġ minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att".*

*2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, l-att tar-rikors ġuramentat huwa null u mingħajr effett billi mhux minnu illi Salvatore Citta', ċittadin Taljan, jaf bl-ilsien Malti, u kwindi ma seta' qatt jaħlef ir-rikors ġuramentat li huwa redatt – kif suppost – bl-ilsien Malti.*

*3. Illi preliminarment ukoll u mingħajr preġudizzju, irid ikun hemm persuna residenti ġewwa Malta sabiex tassumi l-atti tal-kawża u tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-istess.*

*Dwar il-Fatti*

*Din il-parti qegħda issir għall-kompletezza, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari.*

*5. Illi l-esponent m'għandu l-ebda kumment dwar il-kontenut tal-paragrafi 1 sa 6 tar-rikors ġuramentat.*

*6. Dwar il-paragrafu 7, il-bilanċ imsemmi hu korrett.*

*7. Dwar il-paragrafu 8, u d-dati w direttivi imsemmija filparagrafi preċedenti, l-esponent jirrileva, illi minn dak il mument l'quddiem, il-Bank kien qed jobdi d-direttivi leġittimi tal-awtorita' regolatriċi, ċioe' l-MFSA. Dwar dan, il-bank u min kien qed jiġġestiħ, ma kellu l-ebda triq oħra, u kwindi kull aġir li jseħħ in forza ta' direttiva leġittima ma jista' qatt jirradika responsabbilta' legali kontra min ikun aġixxa konformement magħha. Ukoll dwar l-istess paragrafu irid jiżdied illi l-attriċi tibqa' lura milli tgħid eżatt meta hi inoltrat id-dokumenti meħtieġa għar-rilaxx tal-fondi tagħha. Kif irrilevat l-istess attriċi, kien hemm direttivi preċiżi li stabbilew illi d-dokumenti prinċipali kellhom jidħlu mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2020 u l-istruzzjonijiet dwar il-pagament lura, mhux iktar tard mill- 15 ta' Lulju 2020. Imkien dan il-paragrafu ma jsemmi f'liema data intbagħtu u/jew ġew riċevuti dawn id-dokumenti. Dwar dan, l-esponent ma jistgħax jikkumenta, billi l-ġestjoni tal-bank ma kienitx f'idejħ qabel it-30 t'Ottubru 2020. Kull ma jaf hu, li skond it-tagħrif mgħoddi lilu mill-Persuna Kompetenti – Ernst & Young – id-dokumenti meħtieġa għar-rilaxx tal-fondi, ma waslux sal-egħluq tat-termini imsemmija. Dwar dan l-esponent jirriserva li jtella' rappreżentanti tal-istess Ernst & Young sabiex jispjegaw aħjar.*

*8. Għar-raġuni li ser titfisser infra, kien inutili illi dawn iddokumenti*

*jintbagħtu lill-esponent, billi r-rwol tiegħu hu ta' stralċjarju, u qabel ma jkun jista' jirrilaxxja ħlasijiet, dan irid jiġbor it-tagħrif finanzjarju rilevanti kollu; jikkonkludi l-kontijiet soċjali; jistabilixxi a bażi ta' dawn, jekk il-kumpanija hix solvibbli jew le; jibgħat għall-kredituri; u fl-aħħar, jagħmel eżerċizzju ta' pregradwazzjoni u skema ta' distribuzzjoni, li tkun suġġetta għal proċedura t'appell quddiem il-Bord tal-Appelli ġa fuq imsemmi. Imbagħad ikun jista' jgħaddi għal-likwidazzjoni – li tkun tinkludi t-tqassim tad-depożiti, sakemm din il-funzjoni ma tiġix f'data lil fond maħluq skond il-Kap. 618.*

*9. Din hi l-proċedura normali li sseħħ f'kull stralċ, u in fatti wieħed kemm jara l-Artikolu 224 tal-Kap. 386 biex jara illi lordinament ġuridiku jrid illi f'każi kongruwi ma jkunx hemm kredituri li jittantaw jistultifikaw il-proċess ordnat ta' stralċ, billi jiġbdu l-grillu qabel ħaddieħor, bit-tama fiergħa li b'hekk ser jaqbżu lill-kredituri oħrajn. L-istralċ hu proċess kollettiv, fejn issaltan l-ideja "par condicio creditorum".*

*10. Dwar il-paragrafi 9 sa 13, dawn għandhom il-karattru ta' sottomissjonijiet, u mhux ta' stqarrija ta' fatt u mhux lokhom fi stqarrija ġuramentata. Ma hemm bżonn ebda spjegazzjoni. Kull depożitant għandu dritt jieħu flusu lura, u ma hemmx għalfejn ħafna elaborazzjoni. Il-punt mhux għandhux dritt jieħu flusu lura kreditur, iżda li kreditur irid jissottometti ruħhu għal proċess ordnat ta' kif dan isir, u mhux jippretendi li jitħallas qabel ħaddieħor li abbli ikollu kreditu pozjuri għall-kreditu tiegħu.*

*11. Ovvjament dan li mhux qed tapprezza l-attriċi, u din qegħda abużivament taġixxi b'mod intempestiv b'mod illi tfixkel landament ordnat tal-istess stralċ. Biex tkompli tieħu vantaġġ illeċitu, din ukoll ottjeniet mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 976/2021, li fil-mument appożitu jiġi kontestat.*

*<u>Fid-Dritt</u>*

*12. Illi t-talbiet attriċi - avolja in kwantu l-fatti jistgħu jkunu mistħoqqa, fis-sens illi l-bank konvenut irid jagħmel dak kollu possibbli biex jirritorna l-fondi lid-depożitanti kollha – għandhom ikunu miċħudin bl-ispejjeż billi, kif imfisser fil-paragrafi 8 u 9, huma intempestivi u jiksru d-dettami tal-Kap. 383 illi jistabilixxi kif u meta jistgħu jitħallsu l-kredituri (inklużi depożitanti) tal-bank konvenut.*

*<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>*

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponent jeċċepixxi fil-mertu:*

*1. Illi l-Attriċi qegħda taġixxi b'mod intempestiv li jikser il-prinċipji ġenerali tal-liġijiet tal-istralċ, u aktar speċifikament id- dettami tal-Kap. 383 li jistabilixxi kif isir it-tqassim tal-assi ta'kumpannija kontrollata.*

> *2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju l-Attriċi għandha ġġib provi konkludenti li kienet għamlet dak kollu mitlub minnha skond id-direttivi leġittimi viġenti fis-sena 2020 u qabel".*

5. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti *deċide*:

> *"Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut għaliex issib li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża u b'hekk teħles mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-konvenut Dr Richard Galea Debono bħala Kontrullur ta' Satabank p.l.c. kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-istess bank.*
>
> *Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi MGA Trading Limited ladarba kienet hi li fetħet din il-kawża ħażin".*

6. Is-soċjetà rikorrenti intavolat dan l-appell nhar it-8 ta' Frar 2023, għal-liema l-konvenut ressaq risposta nhar it-8 ta' Mejju 2023.

7. Is-soċjetà rikorrenti *qua* appellanta bbażat l-appell tagħha fuq żewġ aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddikjarat illi ma għandhiex kompetenza tisma' u taqta' l-kawża (ii) li mingħajr preġudizzju, l-artikolu li fuqu sejjes l-eċċezzjoni l-konvenut, u ċjoè l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jikkonfermax *o meno* l-inkompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***L-Ewwel Aggravju***

8. Illi permezz tal-Ewwel Aggravju s-soċjetà appellanta tilmenta illi:

*"1. Illi fl-ewwel nett, fil-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti Civili Prim Awla ikkunsidrat li l-mertu principali tas-socjeta' attrici, illum is-Socjeta Appellanta huwa li jigu rilaxxati l-fondi li kellha depozitati fil-kont bankarju taghha stess li kellha mal-Bank Appellat u ikkunsidrat li dan jista biss issir mill-Kontrollur li hemm appuntat biex jistraleja il-Bank Appellat. Ghalkemm huwa minnhu li l- ewwel talba qieghda propjru titlob ir-rilaxx ta' dawn il-fondi, it-talbiet l-ohrajn imorru oltre minn hekk, u dan kif ser jigi spjegat iktar l'isfel.*

*2. Illi kemm fis-sottomissjonijiet li saru, kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim Awla, saret referenza ghall-artikolu 10 tal-Kap. 383 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu, jispecifika I-gurisdizzjoni "unika u esklussiva" tal-Bord tal-Appelli kostitwit ai termini tal-istess Kap. 383. Di fatti, fis-sentenza appellata, I- Onorabbli Qorti ghamlet ukoll referenza ghal-sentenza moghtija fit-12 ta' Marzu 2007 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Michele Martone pro et noe vs Raymond Gatt noe (numru 1066/2006), fejn il-Qorti qalet illi "dak li hu ta' gurisdizzjoni ta' Bord hu specifikament definit taht l-Artikolu 10(1) paragrafi (a) sa (d) liema lista fil-fehma tal-Qorti hija ezawrenti u ma jistghux jiżdiedu kazi b'analogija."*

*3. Ghalhekk, huwa importanti li naraw l-artikolu 10 ezattament x'jghid peress illi huma biss dawk il-pretensjonijiet jew azzjonijiet li jaqghu f'dak deskritt li jistghu jinstemghu quddiem dan il-Bord specjali. Dan l-artikolu jghid illi l-Bord tal-Appelli ghandu jisma u jiddečiedi dwar:*

> *a. "kull appell maghmul minn decizjoni tal-Kontrollur dwar xi pretensjoni;*
>
> *b. kull pretensjoni li ssir mill-Kontrollur kontra terza parti inkluza pretensjoni ghar-radd lura ta' propjeta' li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;*
>
> *c. kull haga li ghandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni ppublikati mill-Kontrollur;*
>
> *d. kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrollur li titnissel b'kull mod li jkun mill- amministrazzjoni u mill-istralè ta' xi attiv li jkun qieghed jikkontrolla."*

*4. Illi il-Qorti Čivili Prim Awla iddeċidiet illi paragrafu (d) tal-artikolu 10 tal-Kap 383, li jghid li kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrollur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla, taqa' taht il-gurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli jagħti l-gurisdizzjoni lill-Bord tal-Appelli għal dan il-każ partikolari għaliex l-ewwel talba tas-Soċjeta Appellanta kienet tirrigwarda ir-rilaxx tal-fondi, xi haga li skond l-Onorabbli Qorti, huwa biss il-Kontrollur li jista jirrillaxxa l-fondi tal- Bank in linea mal-proċess gwidat skond il-Kap. 383. Il-paragrafi l-ohra tal-artikolu 10 tal-Kap. 383 ċertament ma japplikawx għal dan il-każ għaliex il- kontrollur ma kien għamel l-ebda deċiżjoni dwar xi pretensjoni sa dak iż-żmien u wisq anqas ippubblika r-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni.*

*5. Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar dan, il-Qorti Civili Prim Awla ikkunsidrat illi l-"Media Release" li kienet ppubblikat l-Awtorita' Maltija għas- Servizzi Finanzjarji (MFSA) fit-tnejn (2) ta' Novembru elfejn u għoxrin (2020) bit-titlu "Appointment of Controller for Satabank plc", kienet l-ordni rikjesta mill-artikolu 4(1) tal-Kap 383 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe ordni għall-istralċ mill-Awtorita. Is-Socjeta' Appellanta argumentat illi l-artikolu 4(1) tal-Kap. 383 jispecifika l-process li ghandu jsir biex johrog dan l-ordni u x'ghandu jsir wara, liema process, fl-opinjoni umli tas-Soċejta' Appellanta, sa meta gie pprezentat ir-rikors guramentat bit-talbiet taghha quddiem il-Qorti Civili Prim' Awla, kien ghadu ma bediex. Dan ghaliex, l-artikolu 4(1) tal-Kap. 383 jipprovdi s-segwenti process:*

*a. L-MFSA, wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali ta' Malta taghmel ordni ghall-istralċ tal-attiv kontrollat, u*

*b. Il-Kontrollur jgħaddi biex jippubblika avviz fil-gazzetta tal-gvern fejn isejjaħ lill-kredituri sabiex iressqu il-pretensjonijiet taghhom, u flimkien ma' dak l-avviż ghandu jippubblika lista ta' kredituri rikonoxxuti minnhu.*

*6. Illi fl-opinjoni umli tas-Soċjeta' Appellanta, minn dan l-artikolu 4 (1) johrog li jekk kif qalet il-Qorti Civili Prim' Awla, l-ordni ghall-istralċ kien inghata ghaliex l-MFSA, fil-"Media Release" qalet li l-Kontrollur gie appuntat "to wind up and liquidate the controlled asset", xorta jibqa l-fatt li biex jibda l-process tal-istralċ, il-Kontrollur kellhu jippubblika l-avviz fil-gazzetta tal-gvern, liema avviż ġie ippubblikat kwazi sentejn wara f Awwissu 2022, waqt li kienet diga għaddejja il-kawża quddiem il-Qorti Ċivili Prim Awla.*

*7. Illi huwa minnhu illi jekk semmai il-Qorti iddeċidiet li l-ordni tal-istralċ kien sar, ir-rilaxx tad-depożitu kellhu jsir skond il-proċess li hemm imfassal fil-Kap.383, izda il-Kap. 383 b'mod speċifiku l-Artikolu 10 imkien ma jsemmi pretensjonijiet kontra l-bank li ma jitnisslux mill-amministrazzjoni tal- Kontrollur jew mill-istralċ. Is-Soċjeta' Appellanta irrimarkat u s-sottomettiet illi minhabba nuqqasijiet tal-Bank Appellat (liema nuqqassijiet ċertament saru qabel ma ġie appuntat Kontrollur u sewwa sew qabel ma nharġu direttivi kontra l-Bank mill-Awtoritajiet), u b'konsegwenza tan-negligenza u/jew nuqqasijiet fl- operat tal-Bank Intimat, illum Appellat, is-Soċjeta' Appellanta qed issofri telf ta' qliegħ u danni ohra, mingħajr ebda tort. Di fatti, it-talbiet l-ohrajn tas- Soċjeta Appellanta kienu relatati ma' dawn id-danni li gew ikkagunati mill- Bank Intimat, illum Appellat minħabba negligenza jew azzjonijiet tiegħu li kienu jmorru kontra l-obligazzjonijiet tieghu in linea mal-liċenzja tal-operat, u dan il-fatt gie injorat kompletament mill-Qorti Ċivili Prim Awla.*

*8. Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Kap. 383 jinkludi termini speċifici meta u sa meta persuna tkun tista tressaq azzjoni quddiem il-Bord tal-Appelli, liema termini jibdew jiddekorru minn meta jibda l-process daparti tal-Kontrollur u għalhekk, peress li fil-*

*fehma tas-Soċjeta' Appellanta dan il-process kien għadu ma bediex, ma setgħetx tipproċedi b'appell kontra l-Kontrollur fil-Bord tal-Appelli.*

*9. Di piu, kif diga gie spjegat mill-punti diġa ssorvolati aktar il fuq, il-pretensjonijiet ma kienux kontra l-Kontrollur per se, imma kontra l-Bank Intimat, speċjalment, dawk il-pretensjonijiet li jirrigwardaw id-danni sofferti mis-Socjeta' Appellanta minħabba n-nuqqasijiet tal-Bank Intimat fl-operat tiegħu qabel ma kien innominat jew appuntat il-Kontrollur. Għalhekk, il-Qorti Civili Prim Awla kienet żbaljata meta qalet illi l-ħlas ta' danni hija riżultat dirett tal-amministrazzjoni tajba jew ħażina tal-Kontrollur, ghaliex id-danni li talbet is-Soċjeta Appellanta ma kellhomx x'jaqsmu mal-amministrazzjoni tal-Kontrollur imma man-nuqqasijiet tal-Bank Intimat qabel ma gie appuntat il-Kontrollur u anki qabel ma bdew johorgu azzjonijiet da parti tal-MFSA. F'kaz ta' danni ikkaġunati minn persuna b'neglizenza jew b'nuqqasijiet fl-obbligi tagħha, huma il-Qrati ordinarji li għandhom gurisdizzjoni u mhux il-Bord tal-Appell kif kostitwit ai termini tal-Kap. 383.*

*10. Illi għalkemm huwa minnhu dak li qalet il-Qorti Civili Prim Awla, illi jekk jithallsux o meno danni, hija xi ħaġa li trid tirriżulta mill-istralċ tal-attiv, hija biss il-Qorti Ċivili li għandha l-jedd tiddeċiedi jekk verament l-azzjonijiet tal- Bank Intimat (illum Appellat) ikkagunawx danni u jekk hemm danni, tillikwida d-danni. Is-Soċjeta' Appellanta ma setghet qatt tressaq pretensjoni ta' danni quddiem il-Kontrollur jekk tali danni għadhom ma ġewx attribwiti u likwidati. Naturalment, il-Kontrollur ma jistax jitqies bhala l-persuna jew entita opportuna li tiddeċiedi fuq jekk il-Bank Appellat ikkaġunax danni jew le".*

9. L-appellat wieġeb billi saħaq illi l-istralċ ma jibdix wara li jkun hemm il-proċess tal-pubblikazzjoni iżda fil-mument li tinħareġ l-ordni ta' stralċ billi jiġi ddikjarat li kumpanija hija attiv kontrollat u jispjega kif isir ħafna xogħol sabiex anke jsiru l-verifiki kollha. Jisħaq illi l-Artikolu 13 jitkellem dwar kull pretensjoni kontra l-kontrollur u li ma tagħmel l-ebda differenza jekk l-istralċ ikunx beda jew le, għaliex li ried il-leġiżlatur kien li kull kawża relatata tmur quddiem il-Bord tal-Appelli. Jisħaq illi d-distinżjoni li tipprova tagħmel l-appellanta hija waħda fittizja kontradetta bl-okkju stess tal-kawża li jiċċita lill-kontrollur fih. Jgħid illi t-talba għad-danni hija frivola u anti ġuridika, u li d-danni kkawżati miċ-ċaħda ta' flejjes huma definiti u

arġinati mill-Artikolu 1139 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jikkonsistu fl-interessi bit-8% fis-sena, u li kien hemm proċess sħiħ fejn kredituri tal-bank għamlu talba għall-flushom sakemm ġew mogħtija flushom lura.

10. L-Ewwel Qorti bbażat id-*deċide* tagħha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi fir-Rikors Maħluf tagħha s-soċjeta'attriċi tilmenta mill-fatt li qed tiġi deprivata mid-depożiti tagħha fil-bank konvenut Satabank p.l.c. minħabba formaliżmi eżaġerati u li l-fondi huma essenzjali sabiex hija tkun tista' topera. Hija tilmenta wkoll mill-fatt li l-bank konvenut qed jikser l-obbligi fiduċarji tiegħu lejha minħabba li ma ottemperax mal-istruzzjonijiet ta' pagament li ngħatawlu minnha. Hija titlob li l-Qorti tordna li l-bank jirrilaxxa s-somma ta' €128,661.00 bl-imgħax legali mid-data tal-iffriżar tal-kont bankarju sad-data tal-ħlas effettiv mingħajr il-ħtieġa ta' direttivi maħruġa mill-Kontrullur tal-bank u/jew mill-Fond għall-Bilanċi Residwi u/jew minn kwalunkwe awtorita' regolatorja oħra fosthom (iżda mhux limitatament) l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji. Is-soċjeta' attriċi titlob ukoll, fost l-oħrajn, il-likwidazzjoni tad-danni.*
>
> *Illi fir-Risposta Maħlufa jitressqu numru ta' eċċezzjonijiet u flewwel (1) eċċezzjoni ġie eċċepit li din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza ratione materiae minħabba dak li jiddisponi Artikolu 13 ta' Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ)).*
>
> *Ikkunsidrat*
>
> *Illi din hija sentenza dwar l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari hekk kif kontenuta fir-Risposta Maħlufa tal-konvenut (a fol. 42 et seq.).*
>
> *Illi l-konvenut jeċċepixxi li l-proċeduri li ġew imressqa permezz tar-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Bord tal-Appelli u dan ai termini ta' Artikolu 10 tal- Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Illi s-soċjeta' attriċi tgħid li hija qed titlob ukoll il-likwidazzjoni tad-danni u li dan ma jaqax taħt wieħed mill-punti mniżżla f'Artikolu 10 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement dak li qed jintalab ma jaqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Bord tal- Appelli kompost permezz ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjeta' attriċi tilmenta li sabiex wieħed iqis li jista' jkun hemm il-kompetenza tal-Bord tal-Appelli taħt Artikolu 10(1)(d) tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta jrid*

*jkun hemmm il- proċedura ta' stralċ u tisħaq li fil-każ odjern lanqas kien hemm persuna kompetenti u lanqas inħareġ l-Avviż ta' Stralċ bil-konsegwenza allura li l-istralċ ma kienx beda u għalhekk il-proċeduri odjerni ma setgħux jiġu ppreżentati quddiem l-Bord tal- Appelli.*

*Illi da parte tiegħu l-konvenut jargumenta li dak li qed jintalab mis-soċjeta' attriċi jinkwadra taħt Artikolu 10(1)(d) tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut jargumenta wkoll li wieħed irid jara l-Artikolu 10 imsemmi f'qafas aktar wiesgħa u għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' dak li jipprovdi Artikolu 13 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-Qorti tinnota li waqt is-smiegħ tas-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm (a fol. 100 et seq.), il-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi kkonfermat li kienet ġiet ippubblikata lista ta' kredituri u għalhekk ċertu punti mqajjma fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (a fol. 70 et seq.) ma kienux għadhom applikabbli. Il-Qorti tinnota wkoll li minn Dok. "X" (a fol. 111) jirriżulta li l-Kontrullur ġie mqabbad sabiex jillikwida l-assi tal-kumpanija. B'hekk mhux minnu li l-proċess ta' stralċ għadu ma nbediex.*

*Illi l-Qorti ser tkompli l-istħarriġ tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-kompetenza billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2022 fil-kawża fl-ismijiet Steward Malta Management Limited vs. Il-Kummissarju Tat-Taxxi (Numru 1207/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:*

> *"19. Din hija eċċezzjoni li skont l-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tiġi maqtugħa b'deċiżjoni għaliha, qabel jew inkella flimkien mas-sentenza fuq il-mertu (ara El Dara Limited v. Emanuel Galea deċiża mill- Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2009). Ifisser għalhekk li eċċezzjoni bħal din trid tinqata' permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' sempliċi digriet mogħti waqt verbal ta' seduta (ara Edwin Ċilia v. Melina Ċilia deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021);*
>
> *20. Illi minħabba li s-setgħa li qorti tisma' kawża toħroġ mil-liġi, kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa u mogħtija tifsira dejqa (ara Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Żarb noe et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u Stanley Sullivan et v. Stephen Browning Gilmour et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2013). Mill-banda l-oħra pero' wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Gaetana Ghiller et v. Michael Ebejer et, maqtugħa fl-20 ta' Jannar 2008, li materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u l-liġijiet li jirregolawha jridu jiġu strettament applikati. Il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-qorti ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwita' jew konvenjenza;*
>
> *21. Hija r-rieda tal-liġi wkoll (ara Artikolu 774 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li, f'każijiet partikolari, il-qorti hija ħielsa li tqajjem minn rajha l-kwistjoni tas-setgħa tagħha li tisma' kawża, ukoll meta ma titqajjimx eċċezzjoni f'dan is-sens (ara L-Avukat Rachel Loporto Montebello nomine v. Victoria Dingli nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta'*

*Frar, 2019 u Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021);*

*22. Issa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li taqta' u tiddeċiedi kull materja ta' natura ċivili. Dan hu hekk sakemm din ma tkunx riżervata b'liġi 'ad hoc' lil xi tribunal jew bord speċjali (ara Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 2004);*

*23. Dwar dan il-qorti tagħraf li tribunali speċjali jew bordijiet kważi-ġudizzjarji, illum il-ġurnata, jifformaw parti waħda mill-mekkanżimu tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fost ir-raġunijiet ewlenija wara l-ħolqien ta' dawn it-tribunali u l-bordijiet speċjalizzati nsibu: (i) il-ħeffa fil-proċeduri; (ii) it-tneħħija ta' ċertu proċeduri amministrattivi minn ħoġor il-qrati; u kif ukoll (iii) biex dawn l-organi jiddeterminaw ċertu kwistjonijiet ta' natura teknika u speċjalizzata li ġudikanti li jpoġġu fil-qrati ordinarji ma jkollhomx id-dehen u l-ħila neċessarja biex ikunu jistgħu jiddeċiedu dwarhom. Dan kollu ġustament minħabba l-limiti tal-għarfien tagħhom fuq dik l-istess materja teknika;*

*24. Il-qsim tal-kompetenza tal-qrati u t-tribunali hija materja ta' ordni pubbliku u l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar quddiem liema qorti jressqu t-tilwima tagħhom. Dan għaliex kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Anthony Azzopardi et v. Dorsi Behag et deċiża fil-5 ta' April, 2013,*

> *«meta wieħed jistħarreġ eċċezzjoni bħal din wieħed irid jkun kawt minħabba li l-Qorti hija vestita l-kompetenza tad-diversi tribunali tal-Istat Malti hija regolata b'liġi, u mhux kompitu ta' xi qorti li tasserixxi kompetenza li mhux tagħha. Ir-regoli ta' proċedura huma ta' ordni pubblika u jeħtieġ li jiġu segwiti skont id-dettami espressi tagħhom, u ma jistgħux jiġu interpretati skont ix-xewqa tal-partijiet»;*

*25. Meta qorti tal-ġustizzja żżomm għaliha ġurisdizzjoni li ma jkollhiex, kull deċiżjoni li tieħu dik il-qorti ma tkun tiswa għalxejn. Hekk fil-fatt ingħad fis-sentenza Avukat Dr. Edward Fenech Adami nomine v. Arsemis Christos nomine deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' April, 1972 li, «Where a Court takes it upon itself to exercise a jurisdiction which it does not possess its decision amounts to nothing (G. Halsbury's Laws (3rd Edit.) 350, 359)».”*

*Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u ser tapplikah f'din is-sentenza.*

*Illi l-qofol ta' l-eċċezzjoni in eżami hija jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi jinkwadrawx ruħom taħt Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 383 tal- Liġijiet ta' Malta. Dan is-sub-Artikolu jipprovdi s-segwenti:*

*“Il-Bord ikollu l-ġurisdizzjoni unika u esklużiva li jisma' u jiddeċiedi dwar–*

*(a) kull appell magħmul minn deċiżjoni tal-Kontrullur dwar xi pretensjoni;*

*(b) kull pretensjoni li ssir mill-Kontrullur kontra terża parti inkluża pretensjoni għar-radd lura ta' proprjeta' li tkun fil-pussess ta' terzi*

*persuni;*

*(ċ) kull ħaġa li għandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikati mill- Kontrullur;*

*(d) kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrullur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla".*

*Illi dwar l-esklussivita' tal-Bord tal-Appelli, fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu 2007 fil-kawża fl-ismijiet Dr. Michele Martone pro et noe vs. Raymond Gatt noe (Numru 1066/2006), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:*

*"Illi ma hemm ebda dubju li huma l-Qrati Ordinarji li normalment ikollhom il-ġurisdizzjoni ġenerali u l-għoti ta' kompetenza esklussiva lil xi Tribunal trid toħroġ mil-liġi speċjali. Mill-Kapitolu 383 art 10 joħorġu ċari l-poteri ta' ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli liema Bord huwa mwaqqaf għall-għanijiet tal-Att in kwistjoni, liema Bord għandu bħala Chairman tiegħu avukat li jkollu mill-anqas 12-il sena ta' prattika legali waqt li l-persuni l-oħra li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-perizja u esperjenza meħtieġa fil-kummerċ bankarju jew servizzi finanzjarji. Dawn jiġu nominati għal perjodu limitat u permezz tal-Artikolu 8 tal-istess Att ġew definiti s-setgħat tal-Bord. Dak li hu ta' ġurisdizzjoni ta' Bord hu speċifikament definit taħt l-Artikolu 10(1) paragrafi (a) sa (d) liema lista fil-fehma tal-Qorti hija eżawrjenti u ma jistgħux jiżdiedu każi b'analogija. Għalhekk jekk xi haġa tinkwadra taħt dak speċifikat fl-10(1) (a) sa (d) din tkun ta' ġurisdizzjoni esklussiva tal-Bord tal-Appelli waqt li jekk ma tinkwadrax ruħha f'dak li hemm imsemmi hemmhekk din tkun ta' kompetenza tal-Qrati ordinarji".*

*Illi l-Qorti taqbel ma' dak appena kkwotat u tagħmlu tagħha.*

*Illi jkun ta' fejda li wieħed jara x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur wara l-promulgazzjoni ta' Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari tad-Dibattiti Parlamentari li saru dwar l-introduzzjoni ta' Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta u b'mod partikolari mis-Seduta Numru 406 li saret fil-21 ta' Marzu 1995 jirriżultaw is-segwenti siltiet (paġna 280 tal-imsemmija dibatti):*

*"Onor. Josef Bonnici: […] Kull min iħoss ruħu aggravat bir-rapport u bl-iskema ta' distribuzzjoni għandu dritt jappella quddiem il-Bord ta' l-Appelli fi żmien xahar – aktar tard niddiskrivi fhiex jikkonsisti dan il-Bord. Il- Kontrollur fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni għandu jirreferi dan ir-rapport lill-Bord ta' l-Appelli. Dan l-Abbozz jipprovdi li biex jitwaqqaf dan il-Bord ta' l-Appelli għandu jkun magħmul minn Chairman li għandu jkun avukat mhux b'inqas minn disa' snin ta' prattika legali u żewġ membri oħra li għandu jkollhom esperjenza fil-qasam tal-kummerċ bankarju jew fis-servizzi finanzjarji. Il-Bord ikollu dawk is-setgħat vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti u d-deċiżjonijiet li jieħu jkollhom saħħa ta' titoli eżekuttivi. Il-Bord ikollu wkoll il-ġurisdizzjoni unika u esklussiva li jisma' u jiddeċiedi dwar kull appell minn deċiżjoni tal- Kontrollur; kull pretensjoni li ssir mill-Kontrollur kontra terzi persuni u kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' l-*

> *iskema ta' distribuzzjoni. Jiġifieri lil dan il-Bord ta' l-Appelli qed nagħtuh funzjoni importanti li twassal biex kull min iħossu aggravat b'xi mod mid-deċiżjoni tal-Kontrollur ikun jista' jappella quddiem dan il-Bord. Id-deċiżjonijiet isiru fil-miftuħ u jsiru skond il-maġġoranza tal-voti tal-Bord u meta ma jkunx hemm unanimita' il-Bord jiddeċiedi billi jivvota. Id-deċiżjoni tal-Bord tkun finali ħlief għal dawk il-punti tal-liġi li dwarhom jista' jsir appell quddiem il-Qorti ta' l- Appell.*
>
> *[…] Il-pretenzjonijiet pendenti li jkunu għaddejjin fil-qrati tagħna se jiġu trasferiti lill-Bord ta' l-Appelli dejjem fl-interess li wieħed isib soluzzjoni għal każi bħal dawn li ċertament ma jeħdux it-tul ta' żmien li ħa dan il-każ. Malli jintemm kull appell il-Kontrollur għandu jgħaddi biex jillikwida u jqassam l-attiv u nisperaw li permezz ta' dan l- Abbozz ta' Liġi nkunu f'sitwazzjoni fejn ngħalqu dan il-każ darba għal dejjem u fl-istess ħin nieħdu l-opportunita' biex nipprovdu għal sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu 'l quddiem fejn ikun hemm problemi simili." [emfażi miżjuda]*

*Illi f'paġna 290 tal-istess Dibattiti Parlamentari tal-21 ta' Marzu 1995 ingħad hekk:*

> *"Onor. John Dalli (Ministru tal-Finanzi): […] Fil-fatt qed ngħidu li se nagħmlu bord biex jieħu dawn id-deċiżjonijiet u b'hekk ma nerġgħux nidħlu fil-kwestjoni li għax hemm kawża fil-Qorti li tista' ddum is-snin, ikollna noqogħdu nistennew is-sentenza, imma nkunu spiċċattivi u nieħdu ddeċiżjonijiet li għandhom jittieħdu. Ma jistax ikun li dawn l-imsieken ta' nies li verament batew tul dawn il-17 il-sena għax kellhom flushom f'dan il-bank jibqgħu ma jistgħux jieħdu sold, għax hemm min jaħseb li għandu dritt għal xi ħaġa jew sempliċement biex itellef, idaħħal il-qorti kull każ u jibqa' jtawwal sakemm ħadd ma jieħu xejn." [emfażi miżjuda]*

*Illi f'paġna 26 tad-Dibattiti Parlamentari li saru fl-24 ta' Mejju 1995 jirriżulta li ngħad is-segwenti:*

> *"Onor. Josef Bonnici: Iva din kienet issue li tqajmet u ddiskutejniha wkoll ma' l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Iddiffikulta' ta' imħallef hi li peress li dawn għandhom ħafna x'jagħmlu it slows down the process. Issa kemm jista' jkun qegħdin nippruvaw immexxu sistema biex wara 22 sena tal-każ tittieħed deċiżjoni malajr".*

*Illi minn analiżi ta' dawn id-Dibattiti Parlamentari hawn fuq imsemmija jirriżulta li l-għan aħħari ta' din il-leġislazzjoni kienet li tiffaċilita' il-progress b'mod ordnat u spedit tal-istralċ ta' entitajiet kummerċjali. Jirriżulta wkoll li r-rieda tal-leġislatur kienet li kemm jista' jkun fejn jidħlu kwistjonijiet relatati max-xogħol tal- Kontrullur, il-Qrati jkollhom rwol finali u dan biss wara li jkun sar Appell quddiem il-Bord tal-Appelli stabbilit permezz ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta. Mid-Dibattiti Parlamentari jirriżulta wkoll li leġislatur ried jevita kawżi li jtawwlu l-proċedura ta' stralċ.*

*Ikkunsidrat*

*Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tistħarreġ jekk it-talbiet tas-soċjeta' attriċi*

*jaqawx taħt Artikolu 10(1)(d) tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta kif jingħad mill-konvenut. Sabiex tagħmel dan, il-Qorti trid tirreferi għat-talbiet hekk kif imressqa mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha. Is-soċjeta' attriċi titlob li din il-Qorti:*

- *tordna lil Satabank p.l.c. jirrilaxxa l-fondi tagħha mingħajr il-bżonn ta' direttivi maħruġa mill-Kontrullur tal-bank jew kwalsiasi awtorita' oħra;*

- *tiddikjara li Satabank p.l.c. huwa responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni sofferti minnha, inkluż telf ta' qliegħ u danni oħra;*

- *tillikwida l-kumpens u danni kaġunati minn Satabank p.l.c.;*

- *tikkundanna u tordna lil Satabank p.l.c. iħallas lis-soċjeta' attriċi dawk id-danni u l-kumpens hekk likwidati.*

*Illi huwa paċifiku jingħad li l-bank Satabank p.l.c. għaddej minn proċeduri ta' stralċ u li għalhekk ġie appuntat Kontrullur. Wieħed mill-oneri tal-Kontrullur huwa proprju li jiddeċiedi dwar il- pretensjonijiet li jsirulu. Permezz ta' numru ta' emails mibgħuta lill-Kontrullur mill-konsulenti legali tas-soċjeta' attriċi (Dok. "F" – a fol. 20 et seq.), is-soċjeta' attriċi ressqet il-pretensjonijiet tagħha sabiex jiġu liberati l-fondi tagħha u l-Kontrullur wieġeb għal dawn il-pretensjonijiet.*

*Illi l-mertu prinċipali ta' dak li qed titlob is-soċjeta' attriċi huwa li jiġu rilaxxati l-fondi mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' intervent ta' awtoritajiet oħra. Għalhekk l-għan prinċipali tat-talba huwa li jiġu rilaxxati l-fondi tas-soċjeta' attriċi. Dan jista' jsir biss mill-Kontrullur illum hekk kif jirriżulta minn Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Il-Kummerċ Bankarju). Għalhekk din l-azzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti jrid jiġi klassifikat bħala att li jirriżulta mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla l-Kontrullur. Konsegwentement, sa fejn jirrigwarda l-kontestazzjoni dwar irrilaxx ta' fondi, din hija fil-fatt kontestazzjoni tal-aġir tal-Kontrullur u konsegwentement din taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal- Bord tal-Appelli.*

*Illi l-fatt li din id-deċiżjoni taqa' fi ħdan il-Kontrullur tirriżulta wkoll mit-tieni parti tal-ewwel (1) talba fejn dak li qed jintalab huwa li l-flus jiġu rilaxxati mingħajr id-direttivi minn naħa tal- Kontrullur. Xi ħtieġa jkun hemm għal din it-talba kieku dawn l-atti ma humiex atti li jirriżultaw mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla l-Kontrullur?*

*Illi dwar it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) talba u ċioè dwar illikwidazzjoni tad-danni, is-soċjeta' attriċi targumenta li l-allokazzjoni ta' danni ma tiffigurax taħt waħda mill-punti msemmija taħt Artikolu 10 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fl-1 ta' April 2022 fil-kawża fl-ismijiet Corporate & Commercial FX Services Limited vs Satabank Plc (Numru 397/2019) (Dok. "Y" – a fol. 112 et seq.). Il-konvenut jargumenta li anke kwistjoni*

*għal danni taqa' taħt paragrafu (d) ta' Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta stante li d-deċiżjoni li jitħallsu o meno d-danni xorta huma atti li l- Kontrullur irid jagħmel.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-ħlas tad-danni hija riżultat dirett tal-amministrazzjoni tajba jew ħażina tal-Kontrullur u għalhekk hija marbuta sfiq ma' l-ewwel (1) talba. Minbarra dan, jekk jitħallsux o meno id-danni, xorta hija att li jirriżulta mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla l-Kontrullur bil-konsegwenza li kontestazzjoni eventwali dwar din taqa' taħt l-esklussivita' tal-Bord.*

*Illi l-Qorti tagħmilha ċara li l-awtoritajiet ma humiex ġustifikati Li jtawwlu l-proċess mingħajr ħtieġa billi jdumu ma jappuntaw l-persuni neċessarji sabiex il-proċess jimxi għax it-traskuraġni ma hija qatt permissibbli speċjalment meta persuni jaf ikollhom il-ħajja ta' kuljum tagħhom ipperikolata jew imħarbta minħabba tali dewmien.*

*Għalhekk, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ssib li l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut, li din il-Qorti ma tistax tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, hija waħda tajba.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-Qorti terġa tagħmel riferenza għas-sentenza msemmija aktar 'ilfuq fil-kawża fl-ismijiet Steward Malta Management Limited vs. Il-Kummissarju Tat-Taxxi (Numru 1207/2021) fejn ingħad hekk:*

> *"35. Il-qorti tagħlaq billi tgħid li hija ma tistax tibgħat l-atti ta' din il-kawża lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din id-deċiżjoni qiegħda tingħata permezz ta' sentenza parzjali skont l-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal- Liġijiet ta' Malta u mhux permezz ta' digriet kamerali li ma jistax jiġi appellat skont l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *36. Steward għażlet li tikkontesta din l-eċċezzjoni, tħalliet tressaq il-provi tagħha (għalkemm imbagħad ma ressqithomx) u anke ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bilmiktub. Għalhekk huwa xieraq li din l-eċċezzjoni tiġi deċiża b'sentenza skont l-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ħalli jekk tkun trid Steward tkun tista' tappella minn din is-sentenza. Li kieku din id-deċiżjoni ngħatat b'digriet kamerali skont l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din id-deċiżjoni ma kinitx tkun tista' tiġi appellata u b'hekk Stewart tkun ġiet li tilfet il-jedd ta' appell;*
>
> *37. Sfiq ma' dan, il-qorti tifhem li l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd meta l-attur ma jkunx qiegħed jikkontesta l-eċċezzjoni tal-kompetenza li tkun ġiet imqanqla mill-konvenut u jħalli f'idejn il-qorti tiddeċiedi hi jekk għandhiex iżżomm il-kawża jew inkella tibgħathiex quddiem qorti jew tribunal ieħor. Huwa għalhekk li f'każ bħal dan, il-liġi fl-artikolu 741(b) trid li d-digriet li ma jkunx appellabbli. Meta iżda l-parti topponi għal dik l-eċċezzjoni tal-inkompetenza għaliex l-attur jinsisti li l-kawża fetaħha sew bħalma ġara f'dan il-każ, allura l-qorti ma tkunx aktar tista' tagħti digriet mhux appellabbli skont l-artikolu 741(b) iżda jkollha*

*tagħti sentenza dwar dik l-eċċezzjoni skont l-artikolu 730, ħalli b'hekk il-partijiet li jkunu qegħdin jitlewmu dwar il-kompetenza tal-qorti jkunu jistgħu, jekk iridu, jappellaw minn dik is-sentenza;*

*38. Naturalment jekk l-attur ikun għażel li jikkontesta leċċezzjoni tal-inkompetenza u l-qorti issib kontrih permezz ta' sentenza, l-attur ma jistax jippretendi li l-qorti tuża' l-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex wara s-sentenza, hija tagħti digriet biex tibgħat il-kawża quddiem il-qorti t-tajba. L-aktar li jista' jagħmel l-attur huwa li jappella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal- Appell biex din iddawwar is-sentenza tal-ewwel qorti;*

*39. Ir-rinviju msemmi fl-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal- Liġijiet ta' Malta għalhekk ma jistax jiġi użat meta l-eċċezzjoni tiġi deċiża b'sentenza. Li kieku rinviju taħt dan l-artikolu jkun jista' jsir anke wara li tingħata sentenza mill-ewwel qorti u mill-qorti tal-appell, dan ikun ifisser li l-qorti jew tribunal li jirċievi l-kawża jkun jista' ma jaqbilx ma' dik is-sentenza u jerġa' jibgħat lill-Qorti tal-Appell u nerġgħu niġu ċirku tond. Ħaġa bħal din, żgur li ma kinitx lintenzjoni tal-leġislatur. Għalhekk il-qorti qiegħda tifhem li r-rinviju msemmi fl-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal- Liġijiet ta' Malta jista' jsir biss meta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ma tiġix deċiża b'sentenza u tiġi deċiża biss b'digriet kamerali għaliex il-partijiet ma jkollhomx kontestazzjoni bejniethom dwar il-qorti kompetenti;*

*40. Fuq kollox, il-qorti tifhem li r-rinviju lil tribunal ieħor kif imsemmi fl-artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jsir biss sakemm dak ir-rinviju jkun wieħed fattibbli. Skont l-artikoli 43, 44 u 59 tal-Kap. 406 tal- Liġijiet ta' Malta, il-kwistjoni mqanqla minn Stewart kellha titressaq quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tat-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi. F'dan il-każ, tajjeb jew ħazin dawn it-tletin jum illum għaddew. Għalhekk din il-qorti, anke kieku trid, ma tistax tibgħat l-atti lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva ladarba dan iż-żmien laħaq għadda;*

*41. Il-qorti tqis ukoll li lex vigilantibus spectat. Jiġifieri li lliġi tħares lejn l-interessi ta' dawk li joqogħdu attenti malliġi. F'dan il-każ kien nuqqas ta' Steward, li ressqu din ilkawża quddiem l-organu ġudizzjarju l-ħażin. […];*

*42. Tassew din il-qorti ma tarax li tkun qiegħda tagħmel sew, jekk tibgħat l-atti lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, aktar u aktar: (i) meta jkollok sitwazzjoni bħal f'dan il-każ fejn kawża tinfetaħ quddiem qorti ħażina bla ġustifikazzjoni; (ii) meta għandek liġi ċara li tgħidlek fejn din il-kawża għandha titressaq; u (iii) agħar minn hekk dik il-parti ttawwal il-proċeduri għalxejn billi twiegħed li ħa tressaq il-provi imbagħad ma tressaqhomx. Fil-fehma ta' din il-qorti, ir-rinviju msemmi fl-artikolu 741(b) tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux iservi biex parti tinqeda bih bil-ħsieb ħażin li tipprova tirbaħ iż-żmien".*

*Illi minkejja li l-fatti tal-kawża hawn fuq ikkwotata huma kemmxejn differenti minn dik tal-kawża odjerna, <u>pero' il-ġist ta' dak hawn fuq ikkwotat fir-rigward ta' Artikoli 730 u 741(b) tal-641 Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta japplika għall-kawża odjerna b'dan illi din il-Qorti tagħmel tagħha l-istess raġunijiet hemm imsemmija u b'hekk il-Qorti mhux ser tibgħat din il-kawża lill-Bord tal-Appelli</u>".*

11. **Din il-Qorti studjat bir-reqqa kemm l-argumenti mressqa mill-partijiet u kemm il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti.**

12. Hija tal-fehma li s-soċjetà appellanta għandha żewġ pretensjonijiet. Fl-ewwel lok li l-fondi miżmuma fil-kontijiet tal-Bank appellat jiġu rilaxxati mingħajr il-ħtieġa ta' intervent mill-kontrollur jew awtoritajiet oħra. Fit-tieni lok li l-Bank intimat *qua* appellat jiġi ordnat iħallas kumpens lis-soċjetà appellanti tad-danni sofferti konsegwenti tal-aġir tal-Bank Intimat.

<u>*It-Talba għall-Kumpens*</u>

13. **Din il-Qorti ser tibda billi tindirizza t-tieni kwistjoni relatata mal-kompetenza** tal-Ewwel Qorti, u ċjoè l-kwistjoni tal-kumpens pretiż mill-Bank intimat bħala konsegwenza tal-allegat danni sofferti mis-soċjetà appellanta ħabba l-aġir tal-istess Bank.

14. L-Ewwel Qorti fuq dan il-punt ikkunsidrat illi:

> *"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-ħlas tad-danni hija riżultat dirett tal-amministrazzjoni tajba jew ħażina tal-Kontrullur u għalhekk hija marbuta sfiq ma' l-ewwel (1) talba. Minbarra dan, jekk jitħallsux o meno id-danni, xorta hija att li jirriżulta mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla l-Kontrullur bil-konsegwenza li kontestazzjoni eventwali dwar din taqa' taħt l-esklussivita' tal-Bord".*

15. **Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti u dan kif premess**

**mis-soċjetà appellanta u sottomess mid-difensur legali tal-istess soċjetà, id-danni pretiżi mhumiex pretiżi frott l-amministrazzjoni tal-Kontrollur tal-Bank intimat iżda minħabba li l-istess bank spiċċa f'sitwazzjoni li ostakola lis-soċjetà appellanta milli taċċessa flusha.**

16. Inoltre, din il-Qorti ma tqisx li din it-talba fiha nnifisha taqa' *entro* l-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Appelli:

> *"10.(1) Il-Bord ikollu l-ġurisdizzjoni unika u esklużiva li jisma' u jiddeċiedi dwar –*
>
> *(a) kull appell magħmul minn deċiżjoni tal-Kontrullur dwar xi pretensjoni;*
>
> *(b) kull pretensjoni li ssir mill-Kontrullur kontra terża parti inkluża pretensjoni għar-radd lura ta' proprjetà li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;*
>
> *(ċ) kull ħaġa li għandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikati mill-Kontrullur;*
>
> *(d) kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrullur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla.*
>
> *(2) Il-Bord ikollu wkoll il-ġurisdizzjoni unika u esklużiva biex jinforza id-deċiżjonijiet mogħtija minnu kif ukoll kull sentenza mogħtija minn qorti kompetenti f'Malta kontra l-Kontrullur".*

17. *Semmai* hija sentenza favorevoli għas-soċjetà appellanta li trid titressaq quddiem il-Bord tal-Appelli jew tintbagħat għall-attenzjoni tal-Kontrollur.

18. **Konsegwentement, la t-talbiet jirrelataw mal-kumpens, u ma jaqawx *entro* l-ġurisdizzjoni tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta, hija**

**l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza tindaga t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet:**

> *"ii. Tiddikjara illi l-Bank Intimat (u ċioe', Satabank P.L.C) huwa responsabbli għall-ħlas ta' kumpens u danni sofferti u li għadhom qed jiġu sofferti mis-Soċjeta' Esponenti, inkluż telf ta' qliegħ u danni oħra;*
>
> *iii. Tillikwida l-kumpens u d-danni kkaġunati mill-Bank Intimat, jekk meħtieġ bl-involviment ta' periti u esperti tekniċi nomnandi;*
>
> *iv. Tikkundanna u tordna lill-Bank Intimat sabiex iħallas lis- Soċjeta' Esponenti dawk id-danni u l-kumpens hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti".*

*It-Talba għar-rilaxx ta' fondi*

19. **Wara li qieset l-atti mressqa, din il-Qorti ser taqbel mal-Ewwel Qorti sa fejn qieset li l-Bord tal-Appelli għandu l-ġurisdizzjoni jittratta l-mertu relatat mal-flejjes miżmuma fil-kontijiet tal-Bank intimat.**

20. Dak li jħoll u jorbot huwa jekk il-bank intimat kienx diġà qiegħed jiġi stralċjat jew le fil-mument li ġiet intavolata l-kawża, u dan *stante* li fil-każ li l-istralċ kien diġà għaddej is-soċjetà appellanta tkun intavolat il-kawża odjerna, fir-rigward tat-talbiet għar-rimborż, b'mod ħażin *ab initio*.

21. Dan huwa punt kontezjuż. Is-soċjetà appellanta dejjem sostniet illi l-istralċ kien għadu ma nbediex fil-mument li tressqet il-kawża odjerna. Infatti kien waqt il-mori tal-kawża, senjatament fl-istadju tas-

sottomissjonijiet bil-fomm[1] li l-istess soċjetà saħħqet li dan kien beda:

> *"Dr Demicoli: Iva L-ewwel nett nixtieq naghmel , nispjega ftit x'gara ghax mill-ahhar seduta 'l hawn kien hemm ftit developments ghax anke giet pubblikata l-lista tal-kredituri jigifieri minn dak il-lat in-nota taghna, certi affarijiet li hemm fin-nota gew ftit ezawriti minhabba li l-process issa kif spjegajna fin-nota qisu bead jimxi, jigifieri wasalna ftit 'il quddiem ghax giet pubblikata l-lista tal-kredituri. Li fadal li nista' nzid fuq il-bicca tal-likwidazzjoni tad-danni ghaliex ahna mhux qed nitolbu…"*

22. Min-naħa l-oħra l-Bank intimat dejjem argumenta bil-kontra. Hu għamel referenza wkoll għall-komunikazzjoni maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta nhar it-2 ta' Novembru 2020, preżentata wkolli mis-soċjetà appellanta mar-rikors promotur tagħha[2], fejn tgħid:

> *"…to act as controller and to assume control of the Entity for the purposes of the Controlled Companies (Procedure for Liquidation) Act, Chapter 383 of the Laws of Malta, namely to wind up and liquidate the controlled asset. The engagement of the Controller is effective as 30 October 2020*3*…".*

23. Filwaqt li fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Kontrollur jisħaq illi:

> *"Dr Galea Debono: Mela Sur Imhallef ara jien li rajt in-nota tal-kontro parti nammetti li gejt daqsxej wahda sorpriz biha ghaliex larugment kollu fiha qisu bhal donnu ma hemmx ilkompetenza ta' dan il-board li jiena qed insemmi li huwa msemmi mill-ligi mill-kapitlu tliet mija tlieta u tmenin ghaliex skont il-kontro parti il-liqudiation ghadha ma bdietx u li ma hemmx avviz formali tal-Malta Financial Services Authority fejn qed tghid illi l-liquidation bdiet. Issa dan insibu sorprendenti Sur Imhallef ghal numru ta' ragunijiet, l-ewwel haga, il-liquidation ma tibdiex as such ghaliex l-MFSA tghid illi bdiet pero issa fil-fatt tghid li bdiet, il-liquidation tibda in forza ta' zewg ligijiet, wahda l-ewwel ghandek il-ligi bankarja l-kapitlu three seven one minghalija li skont l-artiklu disgha u ghoxrin sub inciz wiehed paragrafu (h) jipprovdi ghall-appuntament ta' kontrollur,*

[1] Fol.100 *et seq.*
[2] Fol. 19 u Fol. 111.
[3] Fol. 19.

*umbaghad hemm il-kapitlu tliet mija tlieta u tmenin li jiddeskrivi x'jaghmel il-kontrollur, voldieri issa lkontro parti ma ghandha l-ebda dubju li jien gejt appuntat taht il-kummerc bankarju u ma ghandha l-ebda dubju Sur Imhallef ghaliex hi stess citatli, qed naqra mic-citazzjoni hanw, Dr Richard Galea Debono bhala kontrollur ta' SATA Bank plc nominat mill-Awtorita' Maltija tas-Servizzi Finanzjarji ai termini tal-artikolu thirty nine one H tal-att tal-kummerc bankarju, voldieri zgur li ma ghandha l-ebda dubju.*

*Issa, intqal ukoll illi , ma tantx ghandi hafna aktar xi nghid ta Sur Imhallef, intqal ukoll illi ma hemm l-ebda avviz illi s- SATA bank qieghda in liqudation, again Sur Imhallef mhux vera ta, ghaliex issa jien hawn ghandi zewg downloads mill-website, jekk il-Qorti trid nista' nezebiehom pero nifhem illi l-Qorti forsi tghidli le inti ghalaqt il-provi, per jekk dik ser tkun biex nghid hekk il-posizzjonii, jiena mbaghad nitlob lill-Qorti tiehu judicial notice taghhom ghax dawn huma public knowledge Sur Imhallef, dawn ma humiex xhieda.*

*…*

*Dr Galea Debono: Mela jiena naghmel referenza Sur Imhallef biex nipprova nispjega li ma hemm l-ebda dubju illi l-liquidation bdiet, bdiet a bazi ta' zewg ligijiet, il-fatt illi per ezempju ntqal x'imkien fin-nota li l-MFSA ma qalitx li kkonsultat minghalija l-Bank Centrali jew xi haga hekk, probabbilment hemm avvizi ohrajn fejn dan diga' sar, jiena ma qghadtx noqghod infittixhom, pero il-fatt li l-MFSA ma qalitx pubblikament isma' jiena kkonsultajt ma nahsibx illi b'xi mod iwaqqaf il-process, u nerga' nirrepeti jekk l-atturi stess harrkuni f'dik il-kapacita' f'dik il-kwalita', ma nahsibx illi jistghu jghidu eh by the way mhux vera ta, inti appuntat hazin mhux qed taghmel xejn.*

*Sur Imhallef apparti minn hekk umbaghad nirreferi ghall-kontenut tan-nota tieghi fejn pruvajt nispjega li stralc u dan huwa stralc spejcali irid jimxi skont certi parametri, kif hemm f'din il-ligi specjali c-chapter three eight three u hekk irid isir, il-process huwa dak. X'imkien jinghad ukoll Sur Imhallef illi ma hemm l-ebda avviz fir-registru tal-kumpaniji dwar il-liquidation. Mela, zewg affarijiet ghandi xi nghid, minhabba li l-appointment tieghi ma jaqax taht il-ligi tal-kumpaniji, that ic-chapter three eight six jiena dejjem insistejt mal-MBR li jiena ma ghandix ghalfejn nibghat il-formolarju normali li jibghat stralcarju lil MBR meta jkun mahtur, pero bi ftehim maghhom u bi ftehim mal-MFSA iktar ricentement , xi xahrjen ilu dawn fil-fatt gabu avviz li l-kumpanija qieghda fi stralc, u jien ricentement bghattilhom bi ftehim u bi spjegazzjoni l-form L , kollox qieghed fil-website biex nuri Ii avolja minix marbut taht dak il-ligi li naghti biex nghid hekk dan l-avviz, huma biex ikollhom dak il-karti taghhom biex nghid hekk in regola , ircevew din il-form L u sa fejn naf jiena jew irregistrawha jew waslu biex jirregistrawha, vodldieri"*

24. L-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha saħqet:

*"Illi l-Qorti tinnota li waqt is-smiegħ tas-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm (a fol. 100 et seq.), il-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi kkonfermat li kienet ġiet ippubblikata lista ta' kredituri u għalhekk ċertu punti mqajjma fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha (a fol. 70 et seq.) ma kienux għadhom applikabbli. Il-Qorti tinnota wkoll li minn Dok. "X" (a fol. 111) jirriżulta li l-Kontrullur ġie mqabbad sabiex jillikwida l-assi tal-kumpanija. B'hekk mhux minnu li l-proċess ta' stralċ għadu ma nbediex".*

25. Din il-Qorti tqis illi għall-finijiet tal-kawża odjerna r-rekwiżiti fl-Artikolu 4 tal-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti bl-avviż tat-2 ta' Novembru 2020:

*"4.(1) Meta l-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta jagħmel ordni għall-istralċ ta' attiv kontrollat, il-Kontrullur għandu jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta fejn isejjaħ lil kull kreditur li jista' jkollu xi pretensjoni kontra jew fuq l-attiv kontrollat sabiex iressaq quddiemu dik il-pretensjoni fi żmien tlett xhur mid-data ta' dak l-avviż. Il-Kontrullur għandu, flimkien ma' dak l-avviż, jippubblika lista ta' kredituri li jkunu minnu rikonoxxuti bħala li għandhom pretensjonivalida kontra l-attiv kontrollat, kif ukoll l-ammont dovut mill-attivkontrollat għal dik il-pretensjoni"*

26. Isegwi illli l-komunikazzjoni tat-2 ta' Novembru 2020 maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta hi fiha nfisha l-ordni ta' stralċ li ngħatat qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna, u *stante* li t-talba tas-soċjetà attriċi hija li:

*"i. Tordna lill-Bank Intimat sabiex jirrilaxxa u jħallas lis-Soċjeta' Esponenti l-Bilanċ, u ċioe', is-somma ta' mija tmienja u għoxrin elf, sitt mija wieħed u sittin Ewro (€128,661.00), bl-imgħax legali mid-data tal-iffriżar tal-kont bankarju relevanti sad-data tal-pagament effettiv – u dan mingħajr il-ħtieġa ta' direttivi maħruġa mill-Kontrollur tal-Bank Intimat u/jew mill-Fond għall-Bilanċi Residwi u/jew minn kwalunkwe awtorita' regolatorja oħra fosthom (iżda mhux limitatament) l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA)";*

L-azzjoni odjerna kellha titressaq quddiem il-Bord tal-Appelli, *stante* li huwa dan il-Bord li għandu ġurisdizzjoni li jindaga ilmenti relatati mal-ħlas ta' assi miżmuma mill-Bank intimat, u konsegwentement is-soċjetà attriċi kellha tressaq l-azzjoni tagħha quddiem dak il-Bord.

27. **Konsegwentement, din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju limitatament billi tibgħat lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex l-Ewwel Qorti tindaga biss it-talbiet tnejn, tlieta u erba'.**

***It-Tieni Aggravju***

28. Illi permezz tat-Tieni Aggravju, is-soċjetà appellanta saħqet illi:

> *"11. Illi fit-tieni nett, mingħajr preġudizzju għal dak suespost, l-eċċezzjoni tal-Bank Intimat kienet ibbażata fuq l-artikolu 13 tal-Att dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta' Stralċ), Kapitlu 383 tal-Liġijiet ta' Malta kif ċitat aktar 'il fuq. Għalkemm l-eċċezzjoni kienet waħda li tqajjem l-inkompetenza tal-Qorti, l-artikolu li fuqu ġiet ibbażata l-eċċezzjoni ma jikkonfermax o meno, l- inkompetenza tal-Qorti imma jagħti dispożizzjoni b'għan li ma jittawwlux bla bżonn proċeduri ta' stralċ ta' dan it-tip billi kawżi li jkunu pendenti quddiem il- Prim Awla, jgħaddu biex ikomplu jinstemgħu quddiem il-Bord tal-Appelli, ikreat għal dan l-iskop.*
>
> *12. Illi is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, naqqset milli tieħu konjizzjoni ta' dan il-punt importanti u iffokat fuq il-ġurisdizzjoni o meno tal-istess Bord tal-Appelli a bażi tal-artikolu 10 tal-Kap. 383.*
>
> *13. Illi certament ma kienetx l-intenzjoni tal-leġislatur illi kawżi pendenti quddiem il-Qorti Ċivili Prim Awla, jiġu deċiżi fuq il-bażi tal-inkompetenza tal-qorti u l-banek intimati jiġu meħlusa mill-ġudizzju mingħajr mar-rikorrenti jingħata d- dritt li jressaq il-pretensjonijiet tiegħu, imma kellhu l-intenzjoni li jiġbor dawn il-kawżi quddiem Bord specifiku bl-għan li jgħaġġel il-proċess ta' dawn il- kawżi. U proprju għalhekk hemm l-*

> *artikolu 13 tal-Kap. 383 biex il-proċess tal- istralċ jiġi aġġevolat mingħajr ma jiġu affetwati id-drittijiet ta' kredituri jew persuni li jkollhom il-pretensjonijiet tagħhom qegħdin jinstemgħu quddiem il- Qorti Ċivili Prim Awla.*
>
> *14. Illi għalhekk, semmai, il-Qorti Ċivili Prim Awla, ma kellhiex taqta u tiddeċiedi l-kawża billi teħles lill-Bank Intimat illum appellat mill-ġudizzju, imma tordna li l-kawża tgħaddi għas-smiegħ quddiem il-Bord tal-Appelli ai termini tal- artikolu 13 tal-Kap. 383".*

29. Il-Bank intimat rappreżentat mill-kontrollur wieġeb li l-Ewwel Qorti kienet korretta li ma bagħtitx l-atti quddiem il-Bord tal-Appelli u li din il-kwistjoni setgħet tqajmet quddiem l-Ewwel Qorti. Inoltre jisħaq li ma saret l-ebda talba sabiex isir dan fl-appell *stante* li fit-talba tagħha fl-appell, is-soċjetà talbet li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Prim'Awla.

30. Din il-Qorti tqis li t-trasferiment abbażi tal-Artikolu 13 mhuwiex applikabbli għall-każ odjern u dan *stante* li l-Artikolu 13 jiġi utilizzat fejn l-ordni ta' stralċ tingħata waqt li l-kawża tkun diġà pendenti quddiem qorti li mhux il-Bord tal-Appelli. Fil-każ odjern, ġie konkluż illi l-kawża ġiet intavolata wara li ngħata l-ordni ta' stralċ u konsegwentement l-Artikolu 13 ma japplikax fil-każ odjern, anke jekk l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-Bank intimat.

31. Illi l-Kapitolu 383 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix għall-istanzi oħra meta jista' jsir trasferiment ta' kawżi pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli. Inoltre, din il-Qorti taqbel ma dak li qieset l-Ewwel Qorti rigward l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'

Malta, u ċjoè li l-Ewwel Qorti setgħet titrasferixxi l-kawża biss permezz ta' digriet u kieku ma ngħatatx sentenza.

32. Illi din il-Qorti tifhem illi l-eċċezzjoni milqugħa tal-Bank intimat hi bbażata fuq l-Artikolu 13 li jindika li għandu jsir trasferiment, madankollu dan it-trasferiment ma jkunx korrett f'dan l-istadju, kif ġie hawn spjegat. Fuq kollox kif ingħad, il-kwistjoni tal-kompetenza hija waħda ta' ordni pubbliku u konsegwentement din il-Qorti mhux ser tkun qed tordna l-ebda trasferiment la dan mhux permessibli taħt iċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna.

33. Konsegwentement ser tkun qed tiċħad dan l-aggravju.

***Deċide***

34. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi ser tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabet li m'għandhiex is-setgħa tindaga dawk it-talbiet relatati mal-likwidazzjoni tal-kumpens / danni, u minflok ser tilqa' limitatament l-appell tas-soċjetà attriċi u tibgħat lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tkompli bil-prosegwiment tal-kawża fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' talba biss.

L-ispejjeż tal-appell, għandhom jitħallsu nofs bin-nofs mill-partijiet, filwaqt

li din il-Qorti ser tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li ordnat li s-soċjetà attriċi għandha tħallas l-ispejjeż kollha u minflok tordna li l-ispejjeż quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jinqasmu nofs bin-nofs.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm